MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI MALTA

## ONOR. IMHALLEF FARRUGIA SACCO LINO

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2002

Rikors Numru. 651/1997/1

Emanuel Micallef
vs
Direttur tal-Agrikoltura

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1989 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax il-promozzjoni li kien haqqu.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Illi hu kien impjega ruhu mad-Dipartiment tal-Agrikoltura fis-sena 1978 fil-grad ta' Labourer. Hu kompla tiela fil-grad u kien sar grupp D fis-sena 1982. Hu kien ghamel ukoll xi xoghol ta' supervizjoni f'Dipartimenti ohrajn. Hu dejjem ghamel xogholu kif suppost u bl-akbar

responsabbilita` u dejjem gie mfahhar mis-superjuri tieghu.

Illi hu kien applika diversi drabi ghall-grad ta' Chargehand u wara li kien joqghod ghall-interview li kien ihoss li kien ikun mar tajjeb fih, ghaliex dejjem staqsewh dwar xoghol li hu kien ilu jaghmel is-snin. Hu dejjem ma nghatax il-promozzjoni li kien ikun haqqu u dejjem gie maqbuz minn nies b'inqas servizz u esperjenza minnu.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata il-promozzjoni li kien haqqu flimkien mas-seniority li kien tilef, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5000 jew kif tiddeciedi xieraq il-Qorti.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tad-Direttur tal-Agrikoltura li eccepixxa:

Illi preliminarjament dan ir-rikors ma ghandu l-ebda effett kontra l-intimat stante illi l-Avukat Generali ma giex notifikat bl-istess rikors ai termini tal-artikolu 181(B)(3) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-rikorrent irid jispecifika d-dettalji ta' dak li qed jallega.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju dak li qed jilmenta minnu r-rikorrent ma jikkostitwix wahdu prova illi saret xi distinzjoni indebita fil-konfront tieghu ai termini tal-artikolu 6 tal-Att VIII tal-1997.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa kellu dan li gej xi jghid.

Illi dan ir-rikors promotur huwa irritwali stante illi ghalkemm ir-rikorrent beda l-impieg tieghu bhala Labourer mad-Dipartiment tal-Agrikoltura fit-23 ta' Lulju 1979, f'liema dipartiment huwa lahaq bhala skilled labourer fit-12 ta' Awissu 1980 u bhala gardener Grupp D fl-1 ta' Jannar 1982, huwa kien gie trasferit ghad-Dipartiment tal-Edukazzjoni fid-19 ta' Dicembru 1983 u ghad-Dipartiment tal-Edukazzjoni fis-16 ta' Marzu 1987 u ghalhekk bejn l-1987 u l-1995 huwa ma kienx impjegat fid-Dipartiment tal-Agrikoltura.

Ghaldaqstant l-intimat issottometta illi ma hemm xejn fir-rikors li jista jiggustifika r-rimedju mitlub.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Jirrizulta illi fil-fatt ir-rikorrent dahal bhala Labourer fid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura fl-1978, jew kif ighid hu jew kif ighid id-Dipartiment fit-23 ta' Lulju 1979, u in segwitu sar Skilled Labourer fit-12 ta' Awissu 1980 u fl-1 ta' Jannar 1982 sar Grupp D Gardener. Xi zmien gie trasferit id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. L-ilment tar-rikorrent huwa li applika ghal Chargehand diversi drabi mad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura u qatt ma gie accettat. L-intimat isostni li bejn l-1987 u l-1995 l-intimat kien mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.

<u>Ir-rikorrent</u> ipprezenta affidavit fejn fih sostna li ilu tmintax-il sena fil-Grad D bhala gardinar u qatt ma tawh risposta ragonevoli ghaliex ma nghatax il-promozzjoni. Semma li

diversi drabi kien applika ghall-promozzjoni u baghatu ghalih ghall-interview izda qatt ma rcieva risposta.

Ilmenta wkoll li madwar 5 snin ilu lil dawk kollha li kienu gardinara fid-Dipartiment tal-Agrikoltura kienu tawhom il-grad ta' Assistant Foreman.  Hu qal li kien veru li ma kienx maghhom imma kien fl-istess grad taghhom u fl-istess linja taghhom.  Sadanittant kien qed jaghmel xoghol ta' foreman minghajr ma jithallas ghalih u dan ilu ghall-perjodu ta' mill-anqas tmien snin.

In kontro-ezami semma li fil-fatt f`Marzu 1987 kien qieghed jahdem fid-Dipartiment tal-Muzewijiet u dan in segwitu ta` talba tar-rikorrent biex jigi trasferit ghal dan id-Dipartiment.

Xehed <u>Mario Azzoppardi</u> li ghalkemm illum qieghed seconded post iehor, dak iz-zmien kien in charge mill-personnel fid-Dipartiment tal-Muzewijiet.  Hu semma li jaf lir-rikorrent bhala gardinar fiz-zmien in kwistjoni.  Hu kien is-senior tal-gardeners u jiehu hsieb il-gardinara l-ohrajn kif ukoll studenti.  Ix-xoghol tar-rikorrent kien sodisfacenti.

Xehed <u>John Mary Caruana</u> llum irtirat pero` qabel kien foreman fid-Dipartiment tal-Muzewijiet.  Semma li r-rikorrent kien jahdem bhala gardinar u kellu guy mieghu ta` 7 li kien jiehu hsiebhom.  Hu dejjem qdieh sewwa.

Ir-rikorrent permezz ta' nota esebixxa lista ta' dokumenti ta' Acknowledgements ta' applikazzjonijiet li kien ghamel kif jidher a fol 21.

Xehed <u>is-Sur Carmel Aquilina</u> Principal fid-Dipartiment tal-Agrikoltura li semma illi fis-16 ta' Marzu 1987 ir-rikorrent kien gie trasferit mad-Dipartiment tal-Muzewijiet.  Semma li r-rikorrent kien applika ghall-post ta' Agricultural Officer 1 fl-1989 u mbaghad rega' applika ghall-istess post fl-1994.  In segwitu is-sur Aguilina ikkorega li l-uniku rizultat li sab tar-rikorrenti, li ghamel mad-Dipartiment, kien dak ta' Chargehand fejn ir-rikorrent kien gab 34 minn total ta' 200 u Dalli kien gab 165 kif jirrizulta mid-dokument li esebixxa a fol 46 et.

Semma li applikazzjonijiet ghal Chargehand jistghu johorgu jew ghac-Civil kollu jew ghal xi dipartiment partikolari inkluz naturalment dak tal-Agrikoltura. Il-wahda li sab hu kienet relattiva ghal dik li harget mid-dipartiment.

Mir-rizultata ta' l-ezami a fol 48 jidher li effettivament ir-rikorrent kien inghata ghall-personality 9 minn 15, 15 minn 25 ghall-expierence, 10 minn 60 ghall-interview b'total ta' 34. Kien hemm 21 applikazzjoni ghal post ta' Chargehand in segwitu tac-cirkolari 15/89 ta' l-20 ta' Frar 1989. Sitt applikanti ma gewx accettati minhabba li l-grad taghhom kien taht ta' Grupp D jew ekwivalenti. Il-15-il applikanti l-ohra kienu mistoqsija biex jaghmlu l-interview u 10 minnhom attendew. 5 mill-applikanti ma ghaddewx. Il-5 l-ohra ghaddew u gew mistoqsija jaghmlu t-trade test. Liema trade test sar fl-24 ta' Awissu 1989 il-garaxx ta' l-Ghammieri. Ir-rikorrent gab 34 marka minn 200.

**KONKLUZJONIJIET:**
It-Tribunal jibda biex jaghmel riferenza ghal Kapitolu 12 Artikolu 181B li minn dan l-artikolu jirrizulta:

"Li l-gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni." Imkien ma jinghad li r-rapprezentanza hija vestita f' idejn il-Ministru u hija eccezzjonalment biss li tali rapprezentanza hi vestita fil-Ministru koncernat (bhal fil-kaz tal-kawzi istitwiti kontra l-P.A.P.B.) jew kawzi li minn natura taghhom wiehed irid jistitwihom kontra l-Prim Ministru jew kontra l-Avukat Generali. Ghalhekk huwa car li rikors ghal promozzjoni jrid isir kontra il-Kap tad-Dipartiment li jkun inkarigat mal-materja in kwistjoni. [Ara wkoll Rikors 196/97 deciz fid-9 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet Mario Spiteri vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici; Joseph Grech vs Prim Ministru et deciz 9/12/98, Eugenio Cutajar vs Ministru ghas-Sigurta' Socjali 9/3/99, u Joseph Farrugia vs Ministru tas-Sahha 28/10/99].

Issa irrizulta fil-kors tal-kawza illi r-rikorrent ghamel diversi applikazzjonijiet pero` dwar l-Agrikoltura ghamel wahda

biss u cioe` dik ta' Chargehand in segwitu ta' l-applikazzjoni li kienet harget fl-20 ta' Frar 1989. Ir-rikorrent isemmi wkoll l-applikazzjoni ghall-Leading Gardener fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni kif jirrizulta a fol 21, fin-nota tieghu paragrafu 2 kif ukoll fil-paragrafu 3. Naturalment wara dak li gie spjegat aktar 'il fuq l-applikazzjonijiet li saru mad-Dipartijiet tal-Muzewijiet u ta' l-Edukazzjoni huma rrilevanti ghal kaz in kwistjoni minhabba li intimat wiehed biss hemm li huwa d-Direttur ta' l-Agrikoltura.

Dwar it-talba ghal Chargehand mad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura fuq gie mnizzel dettaljatament it-total ta' marki li gab ir-rikorrent u cioe` 34 minn 200 li hija marka verament baxxa meta wiehed jikkonsidra illi hija 17% mal-marki possibbli. Fil-fatt 5 ghaddew u gabu 165, 162, 145, 136 u 108. Wara din is-sejha gie maghzul bniedem wiehed u cioe` A Dalli li gab 165 marka minn 200. L-ezami komparattiv tal-breakdown tal-marki f'din is-sejha ta' l-applikazzjonijiet f'kull aspett, kull persuna gabet aktar marki mir-rikorrent u ghalhekk certament ma jistax jinghad li f'din is-sejha kien hemm xi preferenza indebita fil-konfront tar-rikorrent. Huwa veru li fil-fatt hafna marki gew allokati ghall-interview pero` wiehed irid jirrejalizza li hawnhekk ma tantx jistghu jinghataw marki ghall-kwalifiki akkademici, izda minn naha l-ohra ma giet moghtija ebda importanza ghall-seniority u aspetti ohra ta' natura oggettiva. Pero` d-differenza fil-marki hija tant qawwija li ma jhallix lok ghall-interpretazzjoni ulterjuri minn naha tat-Tribunal.

Fil-fatt ma jirrizultax illi kien hemm xi applikazzjoni ohra mad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura illi ghalhekk it-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni ta' l-intimat f'dan ir-rigward.

Naturalment dak illi sar mad-Dipartiment tal-Muzewijiet u ta' l-Edukazzjoni mhuwiex fl-atti tal-kawza fis-sens illi kif spjegat fl-Artikolu 181B kien jinkombi fuq ir-rikorrent li jistitwixxi proceduri kontra l-Kapijiet tad-Dipartimenti koncernati.

Jifdal biss li wiehed jezamina l-aspett li r-rikorrent apparentament ghamel xoghol superjuri ghal dak li effettivament gie mhallas tieghu. Izda hawnhekk ukoll jidher li jekk sar fid-Dipartiment tal-Muzewijiet bhala tali ghalhekk ukoll it-Tribunal ma jistax jilqa' t-talba tar-rikorrent.

Ghal dawn il-motivi jichad it-talba tar-rikorrent.

Minhabba n-natura tal-kaz, spejjez bla taxxa.